# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1769/98 NA**

**Jacqueline Aquilina**

**vs**

**Edward Refalo**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-3 ta' Settembru 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Ottubru 1990, fil-Knisja *St. John of the Cross*, Ta' Xbiex, kif jidher mill-anness Certifikat registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku numru 000712 (Dokument "A");

Illi dan iz-zwieg hu null billi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat fl-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permess ta' att ippubblikat minn Nutar Henri Vassallo fit-8 ta' Awissu 1996, kopja legali annessa w immarkata Dokument "B";

Illi ghalhekk dan iz-zwieg hu null ghar-ragunijiet fuq imsemmija kif ukoll ghar-ragunijiet ohra skond il-ligi;

TALBET li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. iz-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-12 ta' Ottubru 1990, hu null u bla effett ghal ragunijiet sufficjenti kontemplati fl-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fis-6 ta' Jannar 1999 fejn eccepixxa illi:

1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati stante illi ghalkemm iz-zwieg huwa null, dan mhux minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut kif dedott fic-citazzjoni izda minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici, kif jigi spjegat ahjar fit-talba rikonvenzjonali;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut ipprevalixxa ruhu minn din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet biex ipprezenta kontro-talba rikonvenzjonali fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Ottubru 1990 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo fit-8 ta' Awissu 1996;

Illi z-zwieg huwa null stante illi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi z-zwieg huwa null wkoll stante illi kien vizzjat minhabba li nkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u cioe' l-eskluzjoni tal-*boni prolis* mill-attrici u kien eskluz ukoll mill-attrici d-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1974 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Ottubru 1990 huwa null u bla effett

fil-ligi ai termini tal-Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975;

2. tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' ngiunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda li akkompanjaw din il-kontro-talba rikonvenzjonali.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut tal-24 ta' Frar 1999 fejn eccepiet:

1. "Illi t-talbiet tal-konvenut in via rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi z-zwieg huwa null ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentata w il-lista tax-xhieda ma' l-istess.

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 1999 il-Qorti nnominat, fil-presenza taz-zewg Avukati, lill-Avukat Dottoressa Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000 u l-kawza differita ghall-1 ta' Frar, 2001. B'rikors tas-7 ta' Dicembru 2000 il-konvenut talab il-fakolta' li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza, talba li giet milqugha fis-seduta tal-1 ta' Frar 2001. Din in-nota saret fis-6 ta' Frar 2001 u ghaliha saret nota responsiva fid-29 ta' Marzu 2001. Ma kienx possibbli ghalhekk ghall-Qorti li taghti s-sentenza fid-differiment tas-27 ta' April 2001 liema sentenza invece sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali fir-rapport studjat taghha wara li ezaminat il-provi kollha mressqa mill-partijiet, diversi minnhom permezz ta' affidavits, ghaddiet biex tikkonsidra t-talbiet tal-partijiet fil-parametri ta' dak illi tipprovdi l-ligi in materja u cioe' l-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta partikolarment f'dan ir-rigward dak li jipprovdi l-Artikolu 19 (1) ta' dan il-Kapitolu.

Fl-ewwel lok hija ghamlet analizi approfondiet tas-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu 19 (1) li hekk ighid:

> "*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*"

Hija ezaminat il-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward bl-applikazzjoni ghall-provi mressqa f'dan il-kaz partikolari.

Hija ezaminat l-allegata vjolenza tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici: "*Illi l-esponenti, wara li analizzat ix-xhieda kollha moghtija mill-partijiet, hija sodisfatta li l-problema ta' vjolenza w agir aggressiv tal-konvenut kienet wahda rejali u tezisti verament, u di piu' hi lesta li tistrieh mhux biss fuq ix-xhieda cara ta' l-attrici, izda wkoll fuq dik ta' missier il-konvenut ferm specifika. Apparti dan, l-esponenti thoss illi l-konvenut allavolha cahad li kien vjolenti fil-konfront ta' l-attrici, xorta wahda ta' d'intendere li kien jitlaghlu malajr u kienet tishonlu rasu malajr wisq.*" Din l-affermazzjoni wasslitha ghall-

konkluzzjoni illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d).

> "*Illi mehud dan kollu in konsiderazzjoni u tenut kont ta' dak li ntqal izjed 'il fuq, l-esponenti thoss illi l-konvenut ma kienx hejja ruhhu sew ghal hajja matrimonjali u ma kienx irrefletta sew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali.  Inoltre, il-konvenut bla dubbju ma kellux dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti fil-konfront tal-mara tieghu minhabba l-mod kif beda jittrattaha wara z-zwieg.  Zgur li bl-agir tieghu, u b'din il-problema li kien ibati minnha l-konvenut, hu kien nieqes mill-element essenzjali ta' rispett lejn martu.  Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba li kien nieqes mill-konoxxenza ta' l-impenn ghall-futur li jgib mieghu z-zwieg u li jitraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, <u>u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin</u>, u cioe', dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.*"

Mill-banda l-ohra, fil-fehma taghha, il-kunsens ta' l-attrici ma kienx ivvizzjat b'dan il-mod.

Dan l-element vjolenti fil-karattru tal-konvenut gie, skond il-Perit Legali, mohbi mill-attrici qabel iz-zwieg u ghalhekk, fil-fehma taghha, dan iz-zwieg kien annullabbli wkoll taht is-sub-inciz (c) ta' l-Artikolu 19 (1).

Hija imbaghad ikkunsidrat l-Artikolu 19 (1) (f) imsemmi mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu. Hawnhekk ukoll ezaminat dak deciz f'sentenzi ricenti tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward. Korrettement, fil-fehma tal-Qorti, hija kkoncentrat fuq is-simulazzjoni parzjali bhala raguni ghal-vizzju tal-kunsens u mhux fuq is-simulazzjoni totali. "*Huwa car ghalhekk illi l-konvenut qed jirreferi ghas-simulazzjoni parzjali, u mhux ghas-simulazzjoni totali f'dan il-kaz, stante li hu jsemmi biss dan l-element essenzjali li gie eskluz da parti ta' l-attrici, u mhux l-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga kif imsemmija 'l fuq.*" Il-Perit Legali waslet ghal-konkluzzjoni li z-zewg partijiet fil-bidu taz-zwieg ftiehmu li, f'dak il-mument, ma jkollhomx tfal. Aktar tard fiz-zwieg, pero', skond l-istess Perit Legali, l-attrici rrealizzat li fic-cirkostanzi li kienet fihom kien ikun prudenti li l-koppja ma jkollhiex tfal. "*Illi l-esponenti thoss*

*li din id-decizjoni li hadet l-attrici rigward it-tfal kienet wahda sensibbli fic-cirkostanzi, u kienet decizjoni li ttiehdet mill-attrici* *__wara__* *z-zwieg minhabba c-cirkostanzi li saret taf bihom u il sabet ruhha fihom biss* *__wara__* *z-zwieg. Illi b'riferenza ghal dak li inghad izjed 'il fuq, sabiex jigi nvokat l-Artikolu 19 (1) (f) kellu jirrizulta li qabel jew waqt li tat il-kunsens taghha l-attrici kienet gja mentalment disposta li ma tottemporax ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Illi mill-provi li ngabru l-esponenti m'hijiex sodisfatta li l-attrici kienet eskludiet li jkollha t-tfal minn qabel iz-zwieg, izda kienet decizjoni li kellha tiehu wara z-zwieg minhabba c-cirkostanzi li fihom sabet ruhha.*"

Il-konkluzjoni finali taghha ghalhekk u s-sottomissjoni minnha maghmulha lill-Qorti hija li z-zwieg ghandu jkun iddikjarat null a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici filwaqt illi t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li z-zwieg kellu wkoll jigi ddikjarat null a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) ma kenitx wahda sostenibbili.

Ikkunsidrat:-

Ir-rapoprt gie kkritikat mill-konvenut b'nota tas-sottomissjonijiet tieghu. Isostni illi l-Perit Legali tat wisq piz lix-xhieda ta' l-attrici partikolarment fl-aspett tal-vjolenza, fatt minnu kkontestat. Hija invece ma tatx l-istess piz lix-xhieda mressqa mill-konvenut u ghad-dirittura partijiet minn din ix-xhieda lanqas giet ikkonsidrata.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u ma ghandhiex dubbju f'mohha illi r-raguni principali ghall-falliment ta' dan iz-zwieg kien il-karattru aggressiv u vjolenti tal-konvenut almenu fil-konfront ta' l-attrici. Din setghet ma kenitx ir-raguni unika ghall-falliment ta' dan iz-zwieg. Ghall-kuntrarju jidher illi kien hemm nuqqasijiet da parti ta' l-attrici li zgur ma henux biex dan iz-zwieg ikun success u forsi hargu fil-konvenut l-aghar parti mill-karattru tieghu. Dawn in-nuqqasijiet jissemmew mill-konvenut u sejrin jigu ezaminati mill-Qorti. F'dan ir-rigward pero' u anke fl-allegati nuqqasijiet tal-konvenut li gew imsemmija mill-attrici l-Qorti tfakkar lill-partijiet li l-kawza li qed tigi ttrattata f'dawn il-proceduri hija kawza ta' annullament ta' zwieg u mhux ta' separazzjoni personali. Il-Qorti thoss illi dan il-fatt irid jigi enfasizzat f'din il-kawza aktar milli f'kawzi ohra

ghax jidher, anke mid-diversi xhieda li gew prodotti u mis-sottomissjonijiet li saru, li l-partijiet wara li sseparaw bonarjament, moralment iridu lill-Qorti tiddeciedi ta' min kien it-tort l-ghala dan iz-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli.

Huwa ovvju li din il-Qorti dan m'hijiex sejra taghmlu f'din il-kawza ghax il-kwistjoni tat-tort o meno tista' biss ikollha rilevanza marginali fil-kap ta' l-ispejjez u hlief ghal xi kumment ulterjuri li sejra taghmel sejra, invece, tikkoncentra fuq dawk l-attribwiti tal-partijiet li setghu wasslu ghall-vizzju tal-kunsens taghhom fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg. Zwieg validu f'dak il-mument ma jsirx invalidu ghax il-mara kwazi qatt ma sajret ghar-ragel jew ghax baqghet fessuda ma' missierha u kienet izzomm mieghu minflok ma' zewgha minkejja illi dawn il-mankanzi, jekk ippruvati, setghu jwaslu f'kawza ohra biex fi zwieg validu l-koppja tissepara u minkejja illi f'kawza ta' separazzjoni dawn in-nuqqasijiet, jigi ripetut jekk ippruvati, jistghu wkoll ikunu nuqqasijiet serji.

Ezami invece ta' dawk ir-ragunijiet li jistghu jew ghandhom iwasslu ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg jindikaw lill-Qorti li dan iz-zwieg huwa annullabbli biss a bazi tas-sub-incizi (d) u (b) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dana

ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Mill-provi nfatti jirrizulta, anke mill-provi mressqa mill-istess konvenut, illi l-kunsens tal-konvenut kien proprju vvizzjat "*b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'analomija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*" [Artikolu 19 (1) (d)]. Invece l-kunsens ta' l-attrici wkoll inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenut li setghet, u nfatti fixxklet, serjament il-hajja mizzewga.

Da parti ta' l-attrici din il-Qorti gia' qalet bizzejjed fir-rigward ta' xi nuqqasijiet li seta' kellha hlief ghar-rifjut taghha li jkollha t-tfal minkejja x-xewqa espressa mill-konvenut diversi drabi wara l-perjodu inizjali fejn jidher illi kien hemm qbil li l-partijiet kienu ftiehmu li ghal xi zmien ma jkollhomx tfal. Dan ir-rifjut ta' l-attrici huwa mankament serju da parti taghha fil-konfront tal-hajja mizzewga. Hawn ukoll pero' l-Qorti tirrimarka illi minkejja illi din kienet tkun raguni valida ghall-konvenut biex jitlob is-separazzjoni personali mill-attrici ghar-ragunijiet lilha imputabbli (hlief li ghal dak li ssostni l-istess attrici li kien il-karattru vjolenti tal-konvenut li wassalha ghal din id-decizjoni) biex din ir-raguni tkun wahda sostenibbili taht is-sub-inciz (f)

ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 dan il-hsieb ta' l-attrici jrid ikun ikkondizzjona l-kunsens taghha fil-mument taz-zwieg. L-attrici, irid jigi ppruvat, tat il-kunsens taghha u dahlet ghaz-zwieg fl-istess waqt illi internament eskludiet il-prokreazzjoni tat-tfal, bla dubbju element essenzjali tal-hajja mizzewga. Di piu' din il-prova kellha ssir mill-konvenut li allegaha fil-kontro-talba rikonvenzjonali tieghu. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut irnexxielu jipprova illi wara certu zmien fiz-zwieg minkejja li huwa xtaq hafna li jkollu t-tfal l-attrici rrifjutat u ghamlet minn kollox biex ghad-dirittura ma jkollhiex. Huwa pero' ma rnexxilux jipprova li dan is-sentiment, din ir-rieda negattiva, kienet tezisti minn qabel iz-zwieg u fil-mument li l-attrici tat il-kunsens taghha. Sfortunament ghat-tezi tal-konvenut din l-intenzjoni anqas tista' tigi ppruvata mill-komportament ta' l-attrici fil-bidu taz-zwieg in vista ta' l-arrangament bejn il-mizzewgin fuq imsemmi. L-attrici invece tghid li waslet biss ghal din id-decizjoni fuq parir ta' sacerdot u iehor mediku meta fiz-zwieg kienu gia' zviluppaw diffikultajiet serji.

Ghal ragunijiet kollha fuq moghtija in aggiunta mar-ragunijiet moghtija mill-Perit Legali din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici w il-kontro-talba tal-konvenut u tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-12 ta' Otubru

1990 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet ikkontemplati fl-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (1) (c) pero' mhux minhabba l-Artikolu 19 (1) (f) imsemmi mill-konvenut. Tilqa' wkoll it-tieni talba rikonvenzjonali u tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv fuq indikat.

In vista ta' dak deciz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.